**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 27 t'April 2022**

Rikors Numru: 552/21 AL

A sive A B

vs

C B

(MR Nurmu 236/1991)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tlieta w għoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (23.03.1991) ara dok RM 1;

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt'itfal u ċioe D li twieled nhar il-ħamsa t' Ottubru tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (05.10.1992) u E li twieldet nhar l-erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija disgħa w disgħin (24.02.1999) b'dana li llum iż-żewġt' itfal għandhom 29 u 22 rispettivament.

3. Illi bintha E B illum taħdem impjieg full-time u għalhekk ebda manteniment ma huwa dovut.

4. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

   i. Illi l-partijiet ilhom de jure legalment separati mill-wieħed u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (21.07.2009) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Tonio Cauchi (ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. RM 2)
   ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;
   iii. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;

5. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bħal 'Dok. RM 3'.

6. Illi għall-finijiet tal-Artikolu 66N (1) (a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f' Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat mill-partijiet fit-tlieta u għoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (23.03.1991)

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta’ Jannar 2022;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghas-seduta u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill- 21 ta' Lulju tas-sena 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.